MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 80/2012

Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)

vs

**Francis Portelli** ta’ 60 sena bin Xavier u Rita nee’ Merceica, imwieled Victoria, fit-28 ta’ Novembru 1951, residenti fil-fond Aussie Blue, Triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex (I.D. 77651G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-24 ta’ Settembru 2012 ghall-habta ta’ tmienja neqsin kwart ta’ fil-ghaxija (1945hrs) gewwa Triq l-Imgarr, fix-Xewkija, Ghawdex u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna ta' ufficjal tat-Transport Malta EO3 George Mercieca, bhala persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Art. 96 tal-Kap 9);

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' ufficjal tat-Transport Malta EO3 George Mercieca, li huwa persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabb li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta'd ak is-servizz (Art. 95 tal-kap 9).

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma halliex jew fixkel lill-ufficjal tat-transport Malta EO3 George Mercieca waqt li kien jaghmel id-dmirjijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jghmel (art. 338 (ee) tal-kap 9).

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon orni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art. 338 (dd) tal-Kap 9)

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija flimkien mal-piena tapplika ukoll l-Art. 383 tal-Kap 9 u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' George Mercieca.

Filwaqt li qed nipprometti li nesebixxi l-fedina penali ta' Francis Portelli nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Frank Anthony Tabone.

Rat l-artikoli 96, 95, 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-istess imputat skuza ruhu ghall-akkadut u li l-ufficjal ta' Transport Malta involut hafer lill-istess imputat u li l-fedina penali tal-imputat hija prattikament netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 96, 95, 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Illi inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kap 9 tordna lill-imputat sabiex bl-ebda mod ma jkellem, jingurja jew jimmolesta lil EO3 George Mercieca u dan ghal zmien sena millum u dan taht penali ta' tlett mija u hamsin euro (€350)

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------